# It-Tielet Ħsieb

F'dan it-tielet ħsieb tagħna ser nsibu ruħna fit-tempju ta' Ġerusalemm. Marija u Ġużeppi wara li nkitbu fiċ-ċensiment, jerġgħu jibdew il-ħajja normali tagħhom u jasal iż-żmien li jieħdu lil Ġesu' fit-tempju biex jippreżentawh. Hawnhekk ser niltaqgħu mat-tielet dulur u t-tielet ferħa. Huma u telgħin it-taraġ tat-tempju, Ġużeppi bil-ħamiem abjad f'idejh u Marija bit-tarbija f'idejha jgħaddu maġen braġel xwejjaħ, Xmun. Xmun kien raġel rispettat ħafna għax ħafna kienu jaraw il-qdusija fih. Dan ir-raġel li qatta ħafna snin minn xjuħitu fit-tempju jistenna li jara s-salvazzjoni, jħoss xi ħaġa li ma setgħax ifisser. Iqum u jmur jiġri fuq Marija, jikxef wiċċ it-tarbija u jagħraf lil Alla l-ħaj. Xmun jinfexx f'tifħir lil Alla. "Issa o Sid, tista tħalli l-qaddej tiegħek imur (imut) fis-sliem għax għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek". Nistgħu naħsbu kif ħassewhom Ġużeppi u Marija iżda dak il-ferħ li beda jinbet f'qalbhom mallewwel tħassar. Hawnhekk insibu t-tielet dulur ta' Ġużeppi meta jisma lil dan ir-raġel xwejjaħ jgħid li dak it-tfajjel kien ser ikun sinjal ta' ħafna waqgħat u qawmien fil-poplu Lhudi iżda l-agħar ħaġa kienet meta lil Marija jħabbrilha li sejf jinfdilha qalbha. Ġużeppi jħoss mhux sejf iżda xabla tinfidlu qalbu. Ġużeppi, kważi mwerwer, jieħu lil Marija biex jippreżentaw lil binhom u hawnhekk ssir iċ-ċirkonċiżjoni ta' Ġesu'. Ħafna jħarsu lejn dan il-mument bħala parti mit-tielet dulur ta' Ġużeppi. Personalment ma naħsibx li dan il-mument kien dulur. Kien mument fejn il-missier żgur iħoss qalbu tingħafas jisma t-twerżiqa tal-bikja tat-tarbija iżda għal Lhud dan il-mument kien mument ta' grazzja kbira għax it-tarbija tkun qed issir ta' Alla. Hawnhekk il-missier jiġi mistoqsi x'isem ser jagħti lit-tarbija u żgur li għal Ġużeppi din kienet ferħa kbira, meta quddiem Alla u quddiem il-poplu Lhudi, jagħti l-isem ta' Ġesu' lit-tarbija u b'hekk jilqa għandu lil Ġesu' bħala ibnu. Huwa mument sabiħ li kull missier jgħożż iżda għal Ġużeppi kienet xi ħaġa verament speċjali għax Ġużeppi kien qed iħares f'għajnejn Alla hu u jieħdu bħala ibnu. Lil Ġużeppi mhux ser insejjħulu missier Alla għax Ġużeppi ma kellu x'jaqsam xejn mat-tnissil tiegħu iżda nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem, aħna devoti ta' Ġużeppi, li dan ir-raġel hu tant kbira, tant kien raġel ġust, tant kien raġel qaddis, li Alla għażlu biex ikun missier għalih. Alla, is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha jagħżel lil Ġużeppi bħala salvazzjoni għalih inniffsu. Niftakru li kieku Ġużeppi ma aċċettax is-sejħa ta' Alla, Marija kienet ser tiġi mħaġġra xi darba jew oħra. Alla ried jagħżel lil xi ħadd bħala missier biex islavah minn theddida kbira u Alla ma jagħżel lil ħadd ħlief lil Ġużeppi. Dak il-ħin li Ġużeppi tah l-isem ta' Ġesu, Ġużeppi kien qed jissiġilla kuntratt ma' Alla.

**Bro. Deo Debono**